**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 8 ta' Mejju 2017**

**Rikors Numru. 51/2015**

**A.I.L. Limited (C11156) u Leone Grech (ID 163950M) ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **A.I.L. Limited u Leone Grech ghal kull interess li jista' jkollu** datat 13 ta' Awissu 2015 li permezz tieghu ippremettew is-segwenti:-

"

*Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2015 (Ticket No: 148800, TM Ref. No.: TM 1109/2015, Anness Dok. 'A') l-Awtorità appellata allegat ksur tar-Regolament 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56) fil-konfront tal-appellanti odjerni konsistenti f'allegazzjoni li fis-16 ta' Lulju 2015, fl-inhawi ta' Citygate, Floriana ghall-habta tat-15:55, fil-vettura tar-registrazzjoni JCY 905 ma kienetx fi stat tajjeb ta' manutensjoni;*

*Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2015 (Anness Dok. 'B') l-appellanti odjerni ipprezentaw ir-rapprezentazzjonijiet bil-miktub sabiex jikkuntestaw l-imsemmija ittra datata datata 20 ta' Lulju 2015;*

*Illi permezz ta' ittra ulterjuri datata 30 ta' Lulju 2015 (Anness Dok. 'C'), l-Awtorità appellata informat lill-appellanti li "r-rapprezentazzjonijiet tieghek ma gewx milqugha u ghalhekk giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' € 150 u 15 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament 56 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri".*

*Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija decizjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 30 ta' Lulju 2015 u qed tinterponi dan l-appell mill-istess deċiżjoni.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *Preliminarjament id-deċiżjoni appellata hija nulla stante li l-Awtorità naqset milli taghti raġunijiet ghaliex ir-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-appellanti permezz tal-ittra datata 25 ta' Lulju 2015 ma kienux qed jiġu milqugha;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi sottomess is-segwenti:*

   *Illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JCY 905 dejjem tinżamm nafida u f'ordni tajba u fi stat ta' mantunsenjoni tajjeb ai termini tar-Reg 56 tal-L.S. 499.56;*

   *Illi fuq it-Technical Roadside Inspection Report No 00558, l-Ufficjal tal-Infurzar tal-Awtorita' Dwar it-Trasport f'Malta indika erba' faults u cioe' i. nuqqas ta' emergency hammer; ii. Brake lights ma jahdmux; iii. Emergency door maghluq minn ġewwa; u iv. Loose Ball joint.*

   *Illi jibda biex jinghad s-socjeta' appellanti hija wahda li tadopera numru ta' vetturi u coaches li jintużaw ghall-garr ta' passiġġieri. Illi sabiex tassigura ruhha illi l-istess tkun konformi mar-regolamenti kollha li japplikaw ghaliha, s-socjeta' appellanti tadopera numru ta' miżuri, inkluż li timpjega persuni li r-rwol taghhom huwa propju sabiex tassigura tali konformita fil-vetturi kollha li jkunu qed jintużaw biex jiġi offrut is-servizz ta' garr ta' passiġġieri.*

   *Anki kieku sempliċement ex gratia argomenti l-allegazzjoni dedotta kellha titqies fl-astratt, l-appellanti jissottomettu b'mod ġenerali illi l-vettura JCY 905 tintuża għall-ġarr ta' tfal tal-iskola, inkluz language students. L-appellanti, bħal diversi operaturi oħra, għandhom problema rikorrenti li dawn l-istudenti jilghabu b'oggetti u addirittura jiehdu oggetti li jinsabu fil-vettura jew li ghandhom jithallew fil-vettura;*

   *Illi dwar in-nuqqas ta' emergency hammer l-appellanti jirrilevaw illi x-xufier tal-vettura JCY 905 kien irrappurtah nieqes ġurnata biss qabel, u dan proprju wara li kien hemm xi language students li kienu qed jinġarru fil-vettura imsemmija. Dan ix-xufier ma kellux cans jirreka ruhu fil-garage tas-socjeta' appellanti dakinhar stess u kien inghata*

*struzzjonijiet propju sabiex jarreka ruhu fil-garage tas-socjeta' appellanti mill-aktar fis. Kien f'dan il-perjodu qasir ta' żmien li lahqet saret l-imsemmija spezzjoni.*

*Dwar il-fatt illi l-safety catch tal-Emergency Door instab li kien maghluq, bhal ma inghad, din il-vettura kienet qed tintuża ghall-garr ta' Language Students. B'xorti hazina, mhux l-ewwel darba illi dawn l-istudenti jilghabu mal-emergency door handle waqt li l-vettura tkun qed tinstaq, b'riskju enormi ghall-inkolumita' taghhom stess. Huwa ghalhekk, propju sabiex tiġi salvagwardjata l-inkolumita' ta' dawn l-istudenti, illi x-xufiera jarmaw is-safety catch. Madanakollu, x-xufiera ghandhom ukoll struzzjonijiet ċari sabiex f'kaz li tinqala emerġenza, illi <u>immedjatament</u> jifthu s-safety catch.*

*Illi dwar il-brake light li ma kienetx tahdem jiġi rilevat illi dawn jinbidlu regolarment. Jigi rilevat ukoll illi sfortunatament hawn Malta hemm bżonn li ssir manutensjoni regolari hafna fuq tali brake lights. Huwa probabbli illi tali nuqqas avvera ruhu ftit hin qabel l-ispezzjoni, fejn allura wiehed ma setax raġonevolment jinduna b'dan in-nuqqas minn qabel.*

*Dwar il-ball joint li kien merhi jiġi rilevat illi din tinstab fuq il-parti ta' taht tal-vettura u sabiex jiġi aġġustat in-nuqqas kien hemm bżonn biss illi din terga' tiqieghed f'postha. Din hi proċedura li ssir normalment waqt is-servicing tal-vetturi u kienet ghalhekk kwistjoni li kienet ser tiġi aġġustata bhala prassi.*

*Illi inoltre, dwar it-tnaqqis ta' Punti ta' Penali jiġi rilevat illi d-disposittivi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma jaghmlu l-ebda distinzjoni dwar in-numru ta' vetturi li jkunu qed jiġu adoperati minn kull operatur bir-rizultat illi l-probabbilita` ghola ta' incidenza ta' infrazzjonijiet minuri fuq numru ikbar ta' vetturi jista' jwassal biex tiġi irtirata l-licenzja ta' operatur ai termini tar-Reg. 112 tal-L.S. 499.56.*

*Huwa iktar probabbli li operatur li jopera numru ikbar ta' vetturi li ser jilhaq il-limitu impost mill-imsemmi regolament, minn operatur b'vettura wahda jew b'numru izghar ta' vetturi.*

*Ghalhekk, l-imposizzjoni ta' tnaqqis ta' Punti ta' Penali f'kazijiet bhal fil-kaz odjern huwa eżerċizzju abbużiv tad-disrkrezzjoni tal-Aworita` intimata in kwantu ċertament eċċessiv, partikolarment tenut kont tal-mertu tal-kaz.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ is-soċjetà esponenti tissottometti li jkun inġust li hija tiġi assoġġettata għal penali amministrattiva u t-tnaqqis ta' Punti ta' Penali ladarba l-istess kienet qed tiehu dawk il-mizuri ragonevoli kollha biex tassigura illi l-vettura JCY 905 tinzamm fi stat ta' manutnesjoni tajba filwaqt li tithares l-inkolumita' tal-passiggieri.*

*Jiġi ribadit illi dan l-aggravju fil-mertu qed isir mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju procedurali sollevati aktar 'l fuq;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà esponenti, filwaqt li tirriżerva d-dritt li tipproduċi dawk il-provi li hija għandha dritt li tressaq ai termini tal-Liġi, titlob lil dan Onorabbli Tribunal sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 30 ta' Lulju 2015, relattivament għat-Ticket Number 148800, TM Ref. No. TM 1109/2015."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata**ipprezentata fit-3 ta' Settembru 2015 li permezz tagħha eccepiet is-segwenti:

*"Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena ghandha tigi konfermata fl-intier taghha stante li hija wahda gusta u timmerita konferma stante illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Kap 499) Artikolu 7(g), fejn l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ghandha l-obbligu u l-funzjoni li 'tizgura l-provediment ta' sistemi ta' trasport ta' passiggieri li jkunu adegwati, efficjenti u li ma jaghmlux hsara lill-ambjent'.*

*Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju, dan ghandu jigi respint bl-ispejjez stante illi huwa wiehed infondat fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif jigi espost waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

*Illi kwantu jirrigwarda it-tieni aggravju, dan ukoll ghandu jigi skartat stante illi mhux il-kaz illi s-socjeta' appellanti tinheba wara skuzi u tipponta twaqqa' r-responsabbilta` fuq il-klijenti taghha b'dan illi r-ragunijiet moghtija ma jistghu qatt jigu konsiderati sabiex jezimu r-responsabbilta` mil-ligi imposta fuq l-appellant u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz."*

Ra s-sentenza preliminari datata 29 ta' Jannar 2016 dwar l-aggravju tar-rikorrenti illi d-decizjoni appellata hija nulla;

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda ta' Leone Grech, ta' Edward Cerngiliaro, ta' Joseph Camilleri u ta' Charlie Farrugia;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 30 ta' Lulju 2015 li permezz taghha infurmat lis-socjeta` rikorrenti illi kienet qieghdha tigi imposta penali amministrattiva ta' mija u hamsin ewro (€150) u hmistax (15)-il punt ta' Penali minhabba ksur tar-Regolament numru 56 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Illi l-imsemmi Regolament jghid is-segwenti:-

*"Kull operatur u xufier għandu jżomm il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri dejjem nadifa u f'ordni tajba u fi stat ta' manutenzjoni tajjeb."*

Illi dan il-kaz beda minn spezzjoni li ghamlu zewg ufficjali tal-Awtorita` intimata fuq il-vettura (coach) bin-numru ta' registrazzjoni JCY 905 proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti. Illi dawn iz-zewg ufficjali kienu Joseph Camilleri u Charlie Farrugia.

**Joseph Camilleri**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi l-imsemmija spezzjoni saret f'Bieb il-Belt hdejn il-Funtana tat-Tritoni, mil-liema spezzjoni irrizulta li l-istess vettura kellha:-

1. Il-*brake lights* ma jixghelux
2. Il-bieb tal-emergenza ma kienx jinfetah
3. Ma kienx hemm martell tal-emergenza
4. Kien hemm id-*drop arm ball joint* laxka

Fir-rigward tal-laxk tal-*ball joint* ix-xhud spjega li din saritilha ezami vizwali. Jispjega li huma, bhala ufficjali, fl-ispezzjoni odjerna imxew ma' Direttiva 46/14 tal-Unjoni Ewropeja u skond l-istess direttiva dan il-laxk fil-*ball joint* kien "a major defect" pero` ma kinitx tant ta' perikolu ghaliex kieku ma kinux ihalluh isuq il-vettura. Fir-rigward tal-bieb tal-emergenza x-xhud spjega li din kellha vit u ghalhekk biex tiftahha wiehed ried iholl il-vit b'turnavit. Fir-rigward tal-*emergency hammer* dan ma kienx hemm wiehed fuq il-vettura in kwistjoni ghalkemm ix-xufier qallu li kien hemm wiehed.

**Charlie Farrugia**, kollega tax-xhud precedenti, ikkonferma li l-*ball joint* kien laxk sewwa pero` ma kinux kejjlu l-laxk tieghu ghax skond hu kien laxk bizzejjed. Mistoqsi mid-difensur tar-rikorrenti jekk ikunx hemm xi grad ta' tolleranza, ix-xhud wiegeb li huma kienu rawha b'ghajnejhom taqbez minn postha. Mistoqsi huma bhala ufficjali ghandhomx xi strument biex ikejjel id-difett riskontrat ix-xhud wiegeb li le u li ma jafx jekk jezistix tali strument.

**Leone Grech,** spjega li huwa direttur u ishmatarju tas-socjeta` rikorrenti li ghandha madwar sittin (60) vettura bejn *coaches, mini buses* u vetturi zghar. Jispjega li l-manutenzjoni tal-imsemmija vetturi taghmlu l-Kumpanija stess u timpjega tlett mechanics ghal dan l-iskop, filwaqt li hemm ukoll *manager* li jara li meta jsir is-*service* isir skond il-procedura. Spjega li fis-16 ta' Lulju 2015 ix-xufier tal-vettura in kwistjoni kien infurmah li kienet saret spezzjoni fuq il-vettura in kwistjoni u li kienu gew riskontrati xi nuqqasijiet u li kellhom jergghu jiehdu l-vettura ghand l-Awtorita` gimgha wara biex terga' tigi spezzjonata, f'liema spezzjoni il-vettura ghaddiet mit-test li rega' sarilha.

Fir-rigward tal-emergency hammer ix-xhud spjega li sal-gurnata in kwistjoni filghodu kien ghadu ghand ix-xufier u gie nieqes dakinhar stess. Jispjega li dakinhar il-vettura kellha xi vjaggi tal-istudenti. Dan il-martell gie rimpjazzat l-ghada stess. Fir-rigward tal-*brake lights* huwa spjega li x-xufier kien qallu li sa filghodu dawn kienu qed jiffunzjonaw stante li ssir *pre-check inspection* qabel il-vettuir jitilqu ghax-xoghol. Fir-rigward tal-emergency door jispjega illi li sar vit ghas-sigurta` peress li fuq dawn il-vetturi jitilghu l-istudenti u stante li ma jkollhom l-ebda supervizjoni dawn jistghu jaqbdu u jifthu l-bieba tal-emergenza b'perikolu ghalihom. Fir-rigward tal-laxk fil-*ball joint* jghid li biex wiehed jiccekkjah ghandu bzonn strument. Jispjega li meta l-vettura ra l-mekkanik taghhom ma sab xejn irregolari u ma rrangaw xejn fiha sakemm regghu tellghuha ghat-test u ghaddiet.

**<u>Edward Cernigliaro</u>** spjega illi huwa xufier tal-vettura in kwistjoni u li dakinhar kien ilu xoghol minn xi t-8.00am bi vjaggi ta' studenti. Fir-rigward tal-martell tal-emergenza jghid li dakinhar filghodu dan il-martell kien imwahhal u jissoponi li hadu xi student. Fir-rigward tal-*brake lights* jghid li sa dakinhar filghodu dawn kienu jiffunzjonaw u dan stante li kien iccekkjahom filghodu. Dwar il-bieba tal-emergenza jghid li din issakkret biex ma joqoghdux jilghabu maghha u jaqa' xi hadd. Fir-rigward tal-laxk fil-*ball joint* jispjega illi l-ufficjal tal-Awtorita` intimata ittawwal wahda u qallu li ghandu l-laxk. Jispjega li meta ha l-vettura ghand il-mekkanik, l-istess mekkanik qallu li kollox kien qieghed sew u meta rega' tella' l-vettura ghat-test kienet ghadha bl-istess *ball joint* li kellha waqt l-ewwel spezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi wara li s-socjeta` rikorrenti inghatat pre-avviz bl-intenzjoni li jigu mposti punti ta' penali u multa amministrattiva, hija kienet baghtet ittra lill-Awtorita` intimat bir-rapprezentazzjonijiet taghha dwar id-difetti riskontrati mill-ufficjali tal-istess Awtorita`. F'din l-ittra, li tinsab esebita a fol. 7 tal-process ir-rikorrent Leo Grech issottometta s-segwenti:-

1. Illi d-difett tal-*brake lights* seta' facilment gara mal-perkors tal-gurnata;
2. Illi fir-rigward tal-bieba tal-emergenza din tinzamm hekk imsakkra meta jkun hemm studenti abbord sabiex ma jifthuhiex bla bzonn;
3. Illi fir-rigward tal-martell tal-emergenza dan kien misruq mill-istudenti lejliet l-ispezzjoni u ghalkemm ix-xufier ha nota ta' din l-okkorrenza huwa ma setghax imur il-garage biex jiehu iehor;
4. Fir-rigward tal-laxk fil-*ball joint* din riedet biss ftit issettjar u li sfortunatament dan ma sarx fil-mument opportun.

Illi ghalhekk l-ispjegazzjoni li nghatat *a tempo vergine* hija, in parte, kemmxejn differenti mill-ispjegazzjoni moghtija fil-kors ta' dawn il-proceduri minn Leone Grech u x-xufier Edward Cernigliaro.

Illi fir-rigward tal-*brake lights* it-Tribunal lest li jaghti l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrenti ghaliex tali dwal jistghu facilment jinqatghu b'xi skoss kemmxejn goff. Pero` fir-rigward tal-incidenzi l-ohra it-Tribunal ihoss li l-gustifikazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti ma jezonerawhomx mir-responsabbilita` taghhom *a tenur* tar-Regolament 56 tal-Regolament Dwar il-Garr ta' Passiggieri.

Illi t-Tribunal jirrileva illi skond l-ittra mibghuta lill-Awtorita` intimata msemmija aktar 'il fuq, ix-xufier kien ben konsapevoli li gie nieqes il-martell tal-emergenza li pero` ma giex rimpjazzat tempestivament. L-istess haga fir-rigward tal-vit fil-bieba tal-emergenza. Filwaqt li t-Tribunal jista' jifhem sa certu punt il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-possibilita` li din il-bieba tigi miftuha inutilment mill-istudenti, min-naha l-ohra l-iskop ta' tali bieba jigi eradikat jekk meta wiehed jigi bzonn verament jiftahha isibha msakkra. Illi semmai ir-rikorrenti jew min jixtri s-servizz taghhom ghandu jipprovdi supervizjoni biex ma jsirx abbuz. Pero` dan it-Tribunal ma jistghax jaccetta illi bieba ta' emergenza tissakkar b'mod li ma tistghax tinfetah f'kaz ta' bzonn.

Illi fir-rigward tal-*ball joint*, fl-ittra fuq imsemmija ir-rikorrent Leone Grech stess jammetti li din kellha bzonn xi ssettjar. Dan kuntrarju ghal dak sottomess waqt ix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal li assolutament ma sarilha xejn sakemm il-vettura giet imtella' ghat-tieni test. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li anke f'dan ir-rigward it-Tribunal ghandu joqghod fuq dak sottomess mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata illi kien hemm laxk vizibbli fil-*ball joint*.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti jista' jkollhom biss ragun parzjali fuq il-*brake lights*. Fir-rigward tad-difetti l-ohra kollha riskontrati it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita` intimata kienet gusta fid-decizjoni taghha.

Illi skond Regolament 108 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 l-Awtorità intimata <u>ghandha s-setgħa  fid-diskrezzjoni tagħha li timponi l-penalitajiet amministrattivi</u> preskritti fil-tieni kolonna  tad-Disa' Skeda u l-punti tal-penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament 108 (4) fuq kull operatur li jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti elenkati fl-ewwel kolonna tad-Disa' Skeda.

Illi subregolament 108 (4) jiddisponi illi l-Awtorità intimata għandha timponi punt ta' penali għal kull għaxar euro (€10) jew parti minnu impost fuq persuna bħala penali amministrattiva.

Illi skond l-imsemmija Disa' Skeda, ksur tar-Regolament 56 jimporta mieghu penali amministrattiva ta' mija u hamsin ewro (€150) fuq l-operatur. **Illi ghaldaqstant il-fatt li t-Tribunal qieghed jaghti ragun parzjali fuq il-*brake lights* lis-socjeta` rikorrenti ma jvarja xejn mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata dwar l-imposizzjoni tal-ammont ta' penali amministrattiva u l-punti ta' penali.**

Illi finalment ir-rikorrenti jissottomettu illi t-tnaqqis ta' punti penali jistghu iwasslu ghal telfien tal-licenzja ta' operatur, u allura, fejn operatur ikollu ghadd ta' vetturi ghall-garr ta' passiggieri l-incidenza ta' infrazzjonijiet minuri fuq numru kbira ta' vetturi hija ikbar. Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll illi dan jista' jwassal ghac-cirkostanza illi operatur li jopera numru ikbar ta' vetturi se jilhaq il-limitu impost ghall-irtirar tal-licenzja iktar malajr minn operatur b'vettura wahda jew b'numru izghar ta' vetturi. Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem dan it-thassib ma jaqbilx illi l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ghandhom jaghlqu ghajnejhom ghal infrazzjonijiet simili, anke jekk l-infrazzjonijiet isehhu fuq vetturi ta' operatur li ghandu numru konsiderevoli ta' vetturi. L-obbligi ta' operatur jissusistu kemm jekk ikollu vettura wahda u kemm jekk ikollu mija. Il-fatt li jkollu iktar minn vettura wahda ifisser biss li jrid ikun iktar vigilanti li tali infrazzjonijiet ma jsehhux ghax l-akkumulu taghhom jistghu jippregudikaw il-licenzja tieghu ta' operatur.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi filwaqt li jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn fuq deciz, jichad it-talbiet rikorrenti.**

**Bl-ispejjez in kwantu tlett kwarti ghar-rikorrenti u kwart ghall-Awtorita` intimata.**

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**